**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 540/2021**

***MMC CONSULTANCY LIMITED (C89114)***

***VS.***

***MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha tal-kumpannija attriċi MMC Consultancy Limited sabiex: (i) tħassar id-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità konvenuta li permezz tagħha l-kumpannija attriċi ġiet mitluba tħallas l-miżata ta' kull sena għas-sorveljanza (*annual supervisory fee*); (ii) tħassar ukoll id-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta li ma taċċettax it-talba tal-kumpannija attriċi li ċċedi r-reġistrazzjoni tagħha bħala Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali (*VFA Agent*) qabel ma jsir il-ħlas tal-miżata ta' kull sena għas-sorveljanza; u (iii) tikseb dikjarazzjoni ġudizzjarja li hija ma kellhiex obbligu li tħallas il-miżata ta' kull sena għas-sorveljanza sabiex b'hekk l-Awtorità tiġi ordnata tħallasha lura s-somma ta' €10,000 li hija kienet ħallsitha taħt protest;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fit-<u>**3 ta' Ġunju, 2021**</u>, il-kumpannija attriċi fissret li hija kienet kisbet reġistrazzjoni bħala Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali skont l-**artikolu 14 tal-Kap 590 tal-Liġijiet ta' Malta**, għalkemm hija ma kienx irnexxielha tiġbed lejha l-volum ta' xogħol li kienet stenniet meta applikat għal din ir-reġistrazzjoni. Tenniet li meta faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, hija ma kellha l-ebda tama ta' xogħol fil-qasam tal-Attiv Finanzjarju Virtwali. Kompliet tgħid li fis-17 ta' Ġunju, 2020, l-Awtorità konvenuta kienet ħarġet ċirkolari fejn għarrfet lill-Aġenti tal-Attiv Finanzarju kollha li b'eċċezzjoni għar-regola R1-2.3.4.4.2 maħruġa minnha, il-miżata ta' kull sena għas-sorveljanza ma kinitx serja tkun dovuta fl-anniversarju tar-reġistrazzjoni tagħhom;

3. Fi kliemha, minħabba n-nuqqas ta' xogħol, fit-3 ta' Settembru, 2020, il-kumpannija attriċi talbet lill-Awtorità konvenuta sabiex tapprova t-talba tagħha għat-tmiem tar-reġistrazzjoni tagħha bħala Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali. Aktar tard, fit-3 ta' Diċembru, 2020, l-Awtorità konvenuta bagħtet fattura lill-kumpannija attriċi biex tħallas il-miżata ta' kull sena għas-sorveljanza. Il-kumpannija attriċi stqarret li hija kienet ħasbet li din il-fattura kienet ħarġet bi żball u talbet li tiġi mħassra; iżda wara numru ta' diskussjonijiet mal-Awtorità, il-kumpannija attriċi ġiet mgħarrfa li l-miżata kienet dovuta xorta waħda. Żiedet tgħid li l-Awtorità kienet għarrfitha wkoll li jekk il-miżata ma kinitx sejra titħallas, il-konsegwenzi għall-kumpannija attriċi kienu sejrin ikunu gravi;

4. Il-kumpannija attriċi spjegat li minħabba dan it-theddid, hija ħallset il-miżata taħt protest. Hija saħqet li ġaladarba l-miżata inkwistjoni ma kinitx dovuta, tant li ma kienx għadu ntalab il-ħlas tagħha qabel hija ressqet it-talba tagħha għat-tmiem tar-reġistrazzjoni tagħha bħala Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali, il-kumpannija attriċi ma kinitx meħtieġa tħallas lill-Awtorità konvenuta s-somma ta' €10,000. B'hekk, skont il-kumpannija attriċi, l-Awtorità konvenuta ma kellha l-ebda jedd li ma tqisx it-talba għat-tmiem tar-reġistrazzjoni tagħha qabel titħallas il-miżata. Għalhekk, hija fetħet din il-kawża fejn talbet lil din il-qorti:

*«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità intimata, liema deċiżjoni ġiet komunikata lis-soċjetà rikorrenti fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2021, u li permezz tagħha l-Awtorità intimata indikat li l-annual supervisory fee kienet dovuta fl-għoxrin (20) ta' Ġunju, 2020, hija deċiżjoni nulla, invalida u mingħajr effett għar-raġunijiet hawn fuq premessi, u għandha għalhekk tkun imħassra in toto u dan ai termini tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li ma taċċettax it-talba tas-soċjetà rikorrenti mibgħuta fit-tlieta (3) ta' Settembru 2020 għaċ-ċessjoni tar-reġistrazzjoni tagħha ta' VFA Agent a bażi tal-fatt li allegatament is-soċjetà rikorrenti kellha tħallas supervisory fee hija deċiżjoni nulla, invalida u mingħajr effett għar-raġunijiet hawn premessi, u għandha għalhekk tkun imħassra in toto u dan ai termini tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*3. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà rikorrenti ma kellha ebda obbligu li tħallas lill-Awtorità intimata l-annual supervisory fee hekk kif mitluba mill-istess Awtorità intimata permezz tal-fattura maħruġa fit-tlieta (3) ta' Diċembru, 2020; u*

*4. Tordna lill-Awtorità intimata tirrifondi l-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) imħallas mis-soċjetà rikorrenti lilha taħt protest.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ħlas tal-fattura inkwistjoni sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-Awtorità intimata minn issa inġunta in subizzjoni u b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni spettanti lis-soċjetà rikorrenti.»*

5. L-Awtorità konvenuta ppreżentat it-tweġiba maħlufa tagħha fil-**5 ta' Lulju, 2021**, u fiha hija ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament il-fatt illi t-talbiet attriċi ma jiffigurawx taħt l-artikolu 469A, stante li dak li qed jintalab it-tħassir tiegħu ma hu xejn ħlief att li jeżisti bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna tal-istess Awtorità, kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża.*

*2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba għall-ħlas magħmula mill-Awtorità ma hija xejn ħlief riflessjoni tal-kontenut tal-liġi li tesiġi tali ħlas. L-obbligu ta' ħlas jemani mill-provvedimenti tar-Regolamenti dwar Virtual Financial Assets u r-Regoli maħruġa taħt il-Kap. 590. Jekk l-attur mhux sodisfatt bil-kontenut ta' tali liġijiet irid jattakka l-liġijiet infushom u mhux lill-Awtorità li tkun hija stess qed tikser il-liġi jekk tiddipartixxi mill-kontenut ta', u l-obbligi tagħha, taħt, l-istess liġi;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-annual supervisory fee kienet dovuta mill-atturi u l-Awtorità ma hijiex f'pożizzjoni li taħfer dak li hu legalment dovut;*

*4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità hija wkoll prekluża li taċċetta ċessjoni ta' liċenzja qabel ma jsir il-ħlas dovut kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża;*

*5. Illi b'hekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tal-**<u>21 ta' Ġunju, 2022</u>**;

7. Il-kumpannija attriċi ressqet is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fl-1 ta' Awwissu, 2022, filwaqt li l-Awtorità konvenuta ressqet is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha fit-30 ta' Settembru, 2022;

8. Saret seduta fis-**<u>17 ta' Ottubru, 2022</u>**, fejn il-qorti semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-avukati tal-partijiet, u minn hemmhekk din il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum;

***Fatti***

9. Il-kumpannija attriċi kienet applikat mal-Awtorità konvenuta sabiex tiġi reġistrata bħala Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali. Fl-**<u>1 ta' April, 2019</u>**, l-Awtorità konvenuta bagħtet tgħarraf lill-kumpannija attriċi li fil-prinċipju, hija ma kienet qiegħda ssib l-ebda

oġġezzjoni li ssir din ir-reġistrazzjoni, bil-patt iżda li jiġu mwettqa numru ta' kundizzjonijiet (ara l-ittra f'paġni 7 u 8 tal-atti tal-kawża). Imbagħad, fl-**20 ta' Ġunju, 2019**, l-Awtorità konvenuta għarrfet lill-kumpannija attriċi li din kienet ġiet reġistrata biex tagħti servizz bħala Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali skont l-**artikolu 14 tal-Kap 590 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara l-ittra f'paġna 9 tal-atti tal-kawża u ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni f'paġna 10 tal-atti tal-kawża);

10. Bħala Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali li kellha l-liċenzja taħt l-**artikolu 14 tal-Kap 590 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-kumpannija attriċi kellha l-obbligu li tħallas miżata ta' kull sena għas-sorveljanza fl-ammont ta' €10,000 fl-anniversarju tad-data tar-reġistrazzjoni tagħha bħala Aġent (ara r-**regolament 7** u l-**iSkeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 590.01**);

11. Wara li għaddiet kważi sena mir-reġistrazzjoni hawn fuq imsemmija, preċiżament fis-**17 ta' Ġunju, 2020**, l-Awtorità konvenuta ħarġet ċirkolari fejn hija għarrfet lill-Aġenti ta' Attiv Finanzjarju Virtwali kollha li fil-ktejjeb tar-regolamenti dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali maħruġ minnha, kienet qiegħda tiddaħħal eċċezzjoni għar-regola li tgħid li l-ħlas tal-miżata ta' kull sena għas-sorveljanza jrid isir fl-anniversarju tar-reġistrazzjoni tal-Aġenti mal-Awtorità konvenuta. Minflok, fil-każ ta' dawk il-miżati li kienu dovuti bejn l-1 ta' Mejju, 2020 u t-18 ta' Diċembru, 2020, il-ħlas tal-miżata lill-Awtorità seta' jsir sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Diċembru, 2020 (ara paġna 11 tal-atti tal-kawża);

12. B'reazzjoni għal din iċ-ċirkulari, fit-**23 ta' Ġunju, 2020**, il-kumitat eżekuttiv tat-taqsima tal-Aġenti ta' Attiv Finanzjarju Virtwali, fi ħdan il-Kamra Maltija tal-Kummerċ bagħat ittra lill-Awtorità konvenuta fejn esprima d-diżappunt tiegħu li l-miżata ta' kull sena għas-sorveljanza li trid titħallas mill-Aġenti, ma kinitx qiegħda tiġi mneħħija jew għall-inqas mnaqqsa, iżda minflok, il-ħlas tagħha kien qiegħed sempliċiment jiġi pospost (ara paġna 74 tal-atti tal-kawża);

13. Safrattant, wara l-anniversarju tar-reġistrazzjoni tagħha bħala Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali, li ħabat dakinhar tal-**<u>20 ta' Ġunju, 2020</u>**, il-kumpannija attriċi żammet il-liċenzja tagħha bħala Aġent;

14. Fit-**<u>3 ta' Settembru, 2020</u>**, l-avukata Deborah Chappell bagħtet tgħarraf lill-Awtorità li l-kumpannija attriċi kienet iddeċidiet li ċċedi l-liċenzja tagħha biex topera bħala Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali u għalhekk talbet lill-Awtorità konvenuta tawtorizza din iċ-ċessjoni (ara l-korrispondenza f'paġni 12 u 13 tal-atti tal-kawża);

15. Imbagħad, fit-**<u>3 ta' Diċembru, 2020</u>**, l-Awtorità konvenuta ħarġet fattura f'isem il-kumpannija attriċi, fejn din tal-aħħar ġiet mitluba tħallas il-miżata ta' kull sena għas-sorveljanza fl-ammont ta' €10,000 fi żmien ħmistax-il jum mid-data tal-avviż (ara paġni 26 u 27 tal-atti tal-kawża);

16. Il-kumpannija attriċi ħasbet li din il-fattura kienet ħarġet bi żball u għalhekk b'ittra elettronika tal-**<u>4 ta' Diċembru, 2020</u>**, l-Awtorità konvenuta ġiet mitluba tħassar din il-fattura (ara l-ittra elettronika f'paġni 28 u 29 tal-atti tal-kawża);

17. Madankollu, b'ittra tas-**<u>26 ta' Jannar, 2021</u>**, l-Awtorità konvenuta wieġbet li hija ma setgħetx tapprova t-tmiem tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija attriċi bħala Aġent ta' Attiv Finanzjaru Virtwali qabel din tħallas il-miżata ta' €10,000, li kienet dovuta minnha fl-anniversarju tar-reġistrazzjoni tagħha. Fissret li l-eċċezzjoni li kienet ingħatat minnha kienet tipprovdi biss li l-ħlas tal-miżata kellu jsir sa mhux aktar tard mit-18 ta' Diċembru, 2020. Għalhekk, hija sejħet lill-kumpannija attriċi biex tfittex tħallas il-miżata mingħajr dewmien, u li fin-nuqqas li jsir il-ħlas, l-Awtorità kienet sejra tieħu azzjoni kontriha u/jew kontra d-diretturi tagħha (ara paġni 30 u 31 tal-atti tal-kawża);

18. Il-kumpannija attriċi ma qablet xejn mal-kontenut tal-ittra mibgħuta mill-Awtorità konvenuta fis-26 ta' Jannar, 2021 u fl-ittra ta' tweġiba tagħha tat-**<u>12 ta' Frar, 2021</u>**, minbarra li tat il-fehmiet tagħha dwar in-nuqqas ta' qbil tagħha, hija għarrfet lill-Awtorità

konvenuta li hija kienet sejra tħallas il-miżata taħt protesta, mingħajr ebda ħsara għad-dritt tagħha li tiġbor lura dan il-ħlas aktar 'il quddiem (ara paġni 32 u 33 tal-atti tal-kawża). Fil-fatt, il-miżata tħallset, u fil-**15 ta' Frar, 2021**, l-Awtorità konvenuta ħarġet l-irċevuta għal dan il-ħlas (ara paġna 34 tal-atti tal-kawża);

19. Imbagħad, fis-**17 ta' Frar, 2021**, l-Awtorità konvenuta approvat it-talba tal-kumpannija attriċi biex twaqqaf il-liċenzja tagħha bħala Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali (ara l-ittra f'paġna 35 tal-atti tal-kawża);

20. Ftit aktar minn tliet xhur wara, jiġifieri fit-**3 ta' Ġunju, 2021**, il-kumpannija attriċi mbagħad fetħet din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

21. Din hija kawża fejn il-kumpannija attriċi qiegħda tfittex li tħassar id-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta fejn din obbligata tħallasha l-miżata ta' €10,000 għas-sena 2020 qabel ma għaddiet biex tapprova l-waqfien tal-liċenzja tagħha bħala Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali, biex b'hekk hija tiġbor lura dak li ħallset lill-Awtorità. Minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, jidher li l-kumpannija attriċi qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha fuq is-**sub-inċiż (1)(b) tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

22. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-Awtorità konvenuta tiċħad li d-deċiżjoni tagħha kienet waħda żbaljata. Hija tisħaq li d-deċiżjoni tagħha hija msejsa fuq il-liġi, li ma tagħtihiex is-setgħa li taħfer il-miżati. Iżżid tgħid li jekk il-kumpannija attriċi ma taqbilx mal-liġi li tirregola l-attiv finanzjarju virtwali, hija kien imissha attakkat id-dispożizzjonijiet li ma taqbilx magħhom; u mhux tippretendi li l-Awtorità tikser il-liġi biex taqdiha. Issemmi wkoll li l-Awtorità mhix imħollija taċċetta waqfien ta' liċenzja qabel isir il-ħlas tal-miżata li tkun dovuta;

23. Minbarra dan, fuq linja preliminari, fl-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>** tagħha hija ssostni wkoll li d-deċiżjoni tagħha ma tistax tiġi mistħarrġa permezz ta' azzjoni mibnija fuq l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex din ma kienet xejn għajr att li sar bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess Awtorità. Issa jekk din il-qorti ssib li din l-eċċezzjoni hija waħda fejjieda, l-istħarriġ ta' din il-qorti jista' jieqaf hawn għaliex dan ikun ifisser li d-deċiżjoni tal-Awtorità ma tkunx tista' tiġi eżaminata. Għalhekk, din il-qorti sejra tibda billi l-ewwel tqis din l-eċċezzjoni;

24. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-Awtorità konvenuta tisħaq li d-deċiżjoni li hija ħadet minn jeddha, *viz*. li taċċetta l-miżati li kienu dovuti aktar tard mis-soltu, taqa' fit-tifsira ta' att li sar bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna. Il-qorti tqis li fil-liġi tagħna ma nsibu l-ebda tifsira ta' x'jaqa' taħt il-kappa ta' "organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna", u għalhekk, fid-dawl ta' dan in-nuqqas wieħed jeħtieġlu jdur għat-tifsir li jkun ingħata mill-awturi u mill-ġurisprudenza;

25. Kemm hu hekk, jinsab miżmum fid-duttrina li,

> *«l-atti magħmula bil-għan ta' organizzazzjoni jew tmexxija interna fi ħdan xi awtorità pubblika jirreferu u jillimitaw irwieħhom għal dawk il-miżuri meħuda biex l-istess awtorità żżomm ċerta ordni fit-tmexxija tagħha ta' kuljum. Iżda, fejn tali miżura tilħaq ċerta livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbagħad dik il-miżura tidħol fit-territorju ta' għemil amministrattiv li dwaru l-Qrati jistgħu jinqdew bis-setgħa tagħhom li jistħarrġu (Brown, Bell & Galabert, French Administrative Law (O.U.P. 5th Edit, 2003) paġ. 158 – 161)»* (ara ***Maria Dolores sive Doreen Camilleri v. Is-Segretarju Ewlieni fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 11 ta' Novembru, 2021);

26. Hekk ukoll, ġie mfisser li l-użu tal-kelma "interna" jirreferi biss għall-affarijiet organizzattivi u amministrattivi interni tal-awtorità, bħal ma huma, it-tqassim tax-xogħol, ħinijiet tax-xogħol, u proċeduri ta' kif isir ix-xogħol fi ħdan l-awtorità (ara ***Edward Paul Tanti v. Segretarju Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru***, Appell Superjuri, 7

ta' Ottubru, 2005 u ***David Gatt v. Prim Ministru Hon. Edward Fenech Adami et***, Appell Superjuri, 6 ta' Settembru, 2010);

27. Din il-qorti, mingħajr ebda tlaqliq, ma taqbel xejn mal-Awtorità konvenuta li d-deċiżjoni tagħha li tagħti aktar żmien lill-Aġenti ta' Attiv Finanzarju Virtwali biex iħallsu l-miżata, kienet miżura ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna. Kemm hu hekk, il-ħruġ taċ-ċirkolari tas-17 ta' Ġunju, 2020 ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-eżempji hawn fuq miġjuba. Minbarra dan, din iċ-ċirkolari ma kinitx tikkonċerna xi proċedura interna li seta' kellha effett fuq il-manjiera li biha jitwettaq ix-xogħol fi ħdanha u lanqas b'xi mod laqtet lill-impjegati jew lill-amministrazzjoni tagħha. Mod ieħor, din kienet tirrigwarda r-relazzjoni li għandha l-Awtorità ma' Aġenti esterni, li hija għandha d-dmir bil-liġi li tissorvelja. F'dan is-sens, ma hemm xejn ta' natura "interna" fid-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorità konvenuta għaliex din id-deċiżjoni ma kinitx torbot lilha u lil dawk li jaħdmu fi ħdanha biss iżda kienet tolqot ukoll lil terzi;

28. B'hekk, darba li d-deċiżjoni tal-Awtorità li ttawwal iż-żmien għall-ħlas tal-miżata li kienet dovuta lilha mill-Aġenti ta' Attiv Finanzjarju Virtwali għas-sena 2020 taqa' fit-tifsira ta' għemil amministrattiv li jista' jiġi mistħarreġ minn din il-qorti, l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta qiegħda tiġi miċħuda;

29. Ngħaddu issa għal dak li huwa l-mertu ta' din it-tilwima. Kif imsemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-kumpannija attriċi tisħaq li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità konvenuta hija *ultra vires* u tippretendi li din troddilha lura l-miżata ta' €10,000 li hija ħallsitha kemm: (i) għaliex skontha l-miżata ma kinitx dovuta fl-20 ta' Ġunju, 2020, u kif ukoll; (i) għaliex l-Awtorità konvenuta mxiet ħażin meta hija għażlet li ma ttemmx il-liċenzja tal-kumpannija attriċi qabel din tħallas il-miżata inkwistjoni. Hija qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha fuq l-**artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda hija ma ssemmix taħt liema paragrafu ta' dan is-sub-inċiż, l-għemil amministrattiv tal-Awtorità konvenuta kien wieħed null. Għalhekk il-qorti sejra tissokta billi tqis l-ilment tal-kumpannija attriċi fid-dawl tal-erba' paragrafi misjuba fl-**artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12**;

30. L-ewwel raġuni taħt dan is-sub-inċiż li tagħmel għemil amministrattiv *ultra vires* hija meta l-awtorità pubblika ma tkunx awtorizzata li twettaq dak l-għemil. F'dan il-każ, m'hemm l-ebda dubju li l-Awtorità kovenuta kellha s-setgħa li tieħu d-deċiżjonijiet dwar il-miżati ta' kull sena għas-sorveljanza li kellhom jitħallsu minn Aġenti ta' Attiv Finanzjarju Virtwali. F'kull każ, il-kumpannija attriċi ma ressqet l-ebda ilment f'dan is-sens. Għalhekk il-qorti qiegħda ssib li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorità konvenuta dwar il-miżata inkwistjoni mhumiex *ultra vires* taħt il-**paragrafu (i) tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12**;

31. Imiss issa li titqies ir-raġuni misjuba fit-**tieni paragrafu** tal-imsemmi sub-inċiż, li jitkellem dwar ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u tan-nuqqas ta' ħarsien tal-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew waqt id-deliberazzjoni tiegħu. Il-kumpannija attriċi mkien ma semmiet, la fir-rikors maħluf tagħha u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, liema prinċipji tal-ġustizzja naturali ġew allegatament imxellfa mill-Awtorità konvenuta jew liema kienu dawk il-ħtiġijiet proċedurali mandatorji li ma ġewx segwiti mill-Awtorità konvenuta;

32. Tabilħaqq, fil-fehma tal-qorti, il-fatt waħdu li l-kumpannija attriċi ma ssostanzjatx dan il-punt għandu jwassal għaċ-ċaħda tat-talbiet tagħha b'rabta ma' dan il-paragrafu tal-liġi;

33. Madankollu, biex il-ġudizzju jkun sħiħ, il-qorti sejra tistħarreġ jekk fid-deċiżjonijiet tagħha, l-Awtorità konvenuta ħarsitx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji;

34. Fir-rigward tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, il-Qrati tagħna diġà esprimew il-fehmiet tagħhom kemm-il darba dwar il-kunċett ta' ġustizzja naturali u tal-ksur tagħha. Hekk pereżempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Joseph Debono v. Phonica Systems Ltd***, tad-19 ta' Mejju 2004, ġie mtenni illi l-prinċipju tal-ġustizzja naturali jnissel żewġ regoli tradizzjonali ta' "*nemo judex in causa propria*" u "*audi alteram*

*partem*". Intqal li "*mal-ewwel regola hu allaċjat il-prinċipju notorju ta' l-imparzjalità u allura tan-neċessità li mhux biss issir ġustizzja imma anke li jkun jidher manifest li ġustizzja qiegħda ssir* (ara ***Avv. Dr. Antonio Caruana v. Caterina Gerada***, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ottubru 1968). Fil-każ tat-tieni regola, din ħafna drabi tħaddan kull materja ta' smigħ xieraq u tal-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi (ara ***Antonio Sammut v. John Bell McCance***, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 29 ta' Mejju 1946). Barra minn hekk, fi żminijiet pjuttost riċenti dan il-kunċett ġie mwessa' biex iħaddan fih ukoll il-prinċipju li d-deċiżjonijiet mogħtija jridu jkunu motivati (ara ***Alfred Sant nomine v. Kummissarju tat-Taxxi Interni***, Appell, 4 ta' Marzu 1992);

35. Fil-każ tagħna minn qari tal-atti jirriżulta b'mod ċar li ma ġie miksur l-ebda wieħed minn dawn it-tliet prinċipji ta' ġustizzja naturali kif stabbiliti mill-ġurisprudenza. Kemm hu hekk, il-kumpannija attriċi ma ressqet l-ebda prova jew qajmet xi sottomissjoni legali biex turi l-kuntrarju;

36. Mill-ġabra tal-provi jirriżulta li hekk kif għaddiet il-ġurnata tat-18 ta' Diċembru, 2020, jiġifieri dik il-ġurnata sa meta l-Aġenti ta' Attiv Finanzjarju Virtwali ġew mitluba jwettqu l-ħlas tal-miżata ta' kull sena għas-sorveljanza, l-Awtorità konvenuta ma qabditx u ħadet passi mill-ewwel kontra l-kumpannija attriċi jew id-diretturi tagħha. Minflok, fis-26 ta' Jannar, 2021 hija kitbet ittra lill-kumpannija attriċi fejn fiha hija tat raġunijiet dettaljati dwar: (i) għaliex il-miżata kienet għadha dovuta u kif ukoll; (ii) għaliex l-awtorità konvenuta ma setgħetx tapprova t-talba tal-kumpannija attriċi biex ittemm il-liċenzja tagħha bħala Aġent. Fl-istess waqt, l-Awtorità konvenuta tat ukoll lill-kumpannija attriċi ħmistax-il ġurnata biex din tkun tista' tirregola l-pożizzjoni tagħha;

37. Hekk ukoll, hekk kif għaddew dawn il-ħmistax-il ġurnata, l-Awtorità konvenuta ma qabditx u waħħlet sanzjonijiet fuq il-kumpannija attriċi ħabta u sabta iżda minflok stenniet sakemm din irregolat il-pożizzjoni tagħha u ħallset il-miżata fit-12 ta' Frar, 2021. Għalhekk, fid-dawl tal-premess, m'għandux ikun hemm kwistjoni li f'dan il-każ ma ġie mġarrab l-ebda ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali mill-kumpannija attriċi;

38. Nimxu issa biex naraw jekk l-awtorità konvenuta naqsitx milli tħares xi ħtieġa proċedurali li kienet mandatorja. F'dan ir-rigward l-Imħallef Peter McClellan fis-sentenza fl-ismijiet ***Project Blue Sky Inc v. Australian Broadcasting Authority (1998) 194 CLR 355***, jgħallimna li,

> *«Procedural error is an administrative failure to meet all the procedural requirements laid down by a statute that condition the exercise of a discretion. A procedural error may or may not be an error of law, depending on the statutory context. Having found an error the Court considers whether, having regard to the terms of the legislation, the Parliament intended that the particular error would result in the invalidity of the decision.»*

39. Il-qorti tqis li l-kumpannija attriċi fl-ebda parti tar-rikors maħluf tagħha jew tas-sottomissjonijiet miktuba tagħha ma indikat liema ħtieġa proċedurali msemmija fil-**Kap 590 tal-Liġijiet ta' Malta**, fil-**Leġislazzjoni Sussidjarja 590.01** jew fil-ktejjeb tar-regolamenti dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali maħruġ mill-Awtorità konvenuta, ġiet traskurata jew mhux osservata mill-Awtorità konvenuta. Fis-sottomissjonijiet miktuba tagħha l-kumpannija attriċi tikkontesta s-sustanza tal-kontenut tad-deċiżjoni. Madankollu, dan ma jidħolx fil-kappa tal-iżball proċedurali msemmi fl-**artikolu 469A(1)(b)(ii)** iżda jaqa' fl-isfond tar-raġonevolezza tad-deċiżjoni kif imsemmi l-**artikolu 469A(1)(b)(iii)**. Tabilħaqq, mingħajr identifikazzjoni tal-ħtieġa proċedurali mandatorja li suppost ma ġietx imħarsa mill-Awtorità konvenuta, l-argument tal-kumpannija attriċi li kien hemm *ultra vires* proċedurali jisfa fix-xejn;

40. Fis-sewwa imbagħad jekk wieħed jifli sew l-atti proċesswali, wieħed jista' jinnota li l-Awtorità konvenuta mxiet *ad unguem* mad-dispożizzjonijiet kollha li jinsabu fil-**Leġislazzjoni Sussidjarja 590.01** u fil-ktejjeb tar-regolamenti dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali maħruġ minnha;

41. Taħt dan il-kwadru, tajjeb li jiġi meqjus li r-**regolament 7(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 590.01** jgħid ċar u tond li l-miżata ta' kull sena għas-sorveljanza għandha tiġi mħallsa mill-Aġenti ta' Attiv Finanzjarju Virtwali fl-anniversarju tad-data tar-reġistrazzjoni tagħhom mal-Awtorità konvenuta. Dan huwa mtenni wkoll fir-regola R1-2.3.4.4.2 tal-ktejjeb tar-regolamenti dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali li ġie maħruġ mill-Awtorità konvenuta. Hekk ukoll, ir-**regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja** hawn fuq imsemmija, jagħmilha ċara li l-miżata inkwistjoni ma tistax tiġi mrodda lura. Minbarra dan, din il-miżata lanqas tista' tiġi mnaqqsa *pro rata*, ħlief għall-ewwel miżata li titħallas meta Aġent jikseb ir-reġistrazzjoni tiegħu mal-Awtorità konvenuta. F'kull każ, skont ir-regola 2.3.4.4.1 tal-ktejjeb tar-regolamenti dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali, kull Aġent ta' Attiv Finanzjarju Virtwali għandu jħallas kull ammont dovut lill-Awtorità konvenuta minnufih, filwaqt li skont ir-regola 2.3.6.3 l-Awtorità konvenuta hija miżmuma milli tapprova t-tmiem ta' liċenzja minn Aġent jekk dan ma jkunx ħallas l-ammonti kollha li jkunu dovuti minnu lill-Awtorità;

42. Min-naħa tagħha, fis-17 ta' Ġunju, 2020, l-Awtorità konvenuta ħarġet ktejjeb ġdid tar-regolamenti dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali fejn hija għażlet li tagħti deroga għar-regola ġenerali li l-miżata ta' kull sena għas-sorveljanza trid titħallas minnufih fl-anniversarju tad-data ta' reġistrazzjoni tal-Aġenti mal-Awtorità konvenuta. Minflok, skont ir-regola l-ġdida 2.3.4.4.3, il-miżati li kienu dovuti bejn l-1 ta' Mejju, 2020 u t-18 ta' Diċembru, 2020 setgħu jitħallsu lill-Awtorità konvenuta sa mhux aktar tard mit-18 ta' Diċembru, 2020;

43. Il-qorti tqis li l-Awtorità konvenuta bl-ebda mod ma kissret id-dispożizzjonijiet u r-regoli hawn fuq imsemmija. Il-fattura fl-ammont ta' €10,000 li kien dovut mill-kumpannija attriċi bħala l-miżata għas-sorveljanza għas-sena 2020, inħarġet mill-Awtorità konvenuta fit-3 ta' Diċembru, 2020, jiġifieri ħmistax-il jum biss qabel l-aħħar ġurnata li fiha seta' jsir il-ħlas tal-miżata skont ir-regola l-ġdida 2.3.4.4.3. Il-qorti tqis li bil-ħruġ ta' din il-fattura ma kien hemm xejn irregolari jew skorrett mil-lat proċedurali min-naħa tal-Awtorità konvenuta. Wara kollox, ma jistax jingħad li l-Awtorità b'xi mod tbiegħdet minn

din ir-regola għaliex fil-fattura msemmija, il-kumpannija attriċi ntalbet tħallas il-miżata sa mhux aktar tard mit-18 ta' Diċembru, 2020;

44. Lanqas jista' jingħad li l-Awtorità konvenuta ma kellha l-ebda setgħa mogħtija lilha mil-liġi li toħroġ din ir-regola ġdida 2.3.4.4.3 jew li tippubblika u tosserva regola li żżommha milli tapprova t-tmiem ta' liċenzja minn Aġent jekk dan ma jkunx ħallasha l-ammonti kollha li jkunu dovuti minnu. Tassew, l-**artikolu 15(3)(b) tal-Kap 590** jagħti lill-Awtorità konvenuta s-setgħa li toħroġ u tippubblika regoli bħal dawn, u dment li l-Awtorità ħarset bir-reqqa l-proċedura misjuba f'dawn ir-regoli, il-kumpannija attriċi m'għandha l-ebda jedd tilmenta mill-proċedura mħaddma mill-Awtorità konvenuta;

45. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu ma jistax jingħad li l-Awtorità konvenuta aġixxiet *ultra vires* skont it-tifsira tal-**artikolu 469A(1)(b)(ii)** u b'hekk l-azzjoni tal-kumpannija attriċi, safejn imsejsa fuq dan il-paragrafu tal-liġi, taqa' wkoll;

46. Ngħaddu issa biex naraw jekk id-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta li titlob lill-kumpannija attriċi l-ħlas tal-miżata għas-sena 2020 u li tirrifjuta li tapprova t-tmiem tal-liċenzja tagħha qabel hija tħallas din il-miżata kinitx irraġonevoli u/jew abbużiva skont l-**artikolu 469A(1)(b)(iii)**;

47. L-istħarriġ ta' dan il-punt jitlob qabel xejn li ssir ġabra qasira tal-prinċipji li jsawru l-kunċett amministrattiv tad-diskrezzjoni raġonevoli li huwa mogħti lill-awtoritajiet pubbliċi. B'daħla għal dan il-punt, ma hemmx għalfejn jingħad li meta l-Parlament jgħaddi jew jikkonferixxi xi setgħa partikolari fuq xi awtorità pubblika, liema setgħa tkun trid tiġi eżerċitata skont id-diskrezzjoni tagħha, huwa ovvju li dik id-diskrezzjoni għandha tiġi mwettqa minn dik l-awtorità magħżula u mhux mill-qrati. Naturalment dik l-awtorità magħżula jkollha d-dmir li taġixxi b'mod xieraq u responsabbli, bl-għan li taġixxi dejjem fl-aħjar interess tal-kotra b'mod ġenerali u kif ukoll b'mod konformi u konsistenti mal-finijiet tal-liġi minn fejn tkun ġiet imnissla dik is-setgħa amministrattiva.

Għalhekk id-diskrezzjoni hija xi ħaġa li trid tkun imnebbħa minn konsiderazzjonijiet rilevanti u fl-istess ħin trid tiġi applikata skont il-prinċipji tar-raġonevolezza u tal-ħaqq;

48. Madankollu, id-duttrina li tgħid li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jinqdew bid-diskrezzjoni tagħhom b'mod xieraq u raġonevoli għandha tiġi mżewġa mal-prinċipju l-ieħor daqstant importanti li qorti m'għandhiex tagħmel tagħha dik id-diskrezzjoni li l-liġi tkun ħalliet u fdat f'idejn l-awtorità pubblika. Għalhekk l-awtorità mogħnija bis-setgħa amministrattiva, jekk kemm-il darba ma taqbiżx il-konfini tar-raġonevolezza legali, għandha kemm jista' jkun titħalla teżerċita d-diskrezzjoni tagħha fil-libertà tagħha. Fi kliem ieħor, il-qorti għandha kemm jista' jkun tirreżisti mit-tentazzjoni li tipprova tissostitwixxi l-opinjonijiet tal-awtorità pubblika bl-opinjonijiet u l-konsiderazzjonijiet personali tagħha. Kif intqal minn Lord Keith f'***R v. Secretary of State for Trade and Industry*** ex p. Lonrho Plc [1989] 1 WLR 525, *«They cannot substitute their own views for the views of the decision-maker who alone is charged and authorized by Parliament to excercise a discretion»*;

49. Id-dmir li awtorità pubblika taġixxi raġonevolment mhuwiex l-istess bħad-dmir tagħha li taġixxi b'rieda tajba (ara, pereżempju, ***R v. Roberts***, ex p. Scurr [1924] 2 K.B. 695). Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas ma huwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat (ara, pereżempju, ***R v. W*** [1971] A.C. 682). F'każ bħal dan, ix-xiber li l-qorti għandha tuża' biex tkejjel r-raġonevolezza ta' dik id-deċiżjoni meħuda mill-awtorità amministrattiva hija dik jekk tali deċiżjoni kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli. It-test li uża Lord Cooke biex ifisser dak li jrid jagħmel il-ġudikant huwa dak ta', *«whether the decision in question was one which a reasonable authority could reach»* (***Baddington v. British Transport Police*** [1999]);

50. Illi l-kittieba mrawma f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-ġudikanti fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalità fl-għemil mistħarreġ, iżjed milli dak li jaraw li l-awtorità pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Daqstant ieħor

huwa stabbilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel (ara **H.W.R. Wade & C.F. Forsyth**, ***Administrative Law***, l-għaxar edizzjoni, paġna 295);

51. Għalhekk il-ġudikant li jkun mgħobbi bid-dmir li jistħarreġ atti amministrattivi għandu japplika kejl u livell oġġettiv sabiex iħalli lill-awtoritajiet pubbliċi jgawdu minn firxa sħiħa ta' għażliet li l-leġislatur preżumibilment ikun intenda jħalli f'idejhom (ara ***Carmelo Dingli et v. Kontrollatur tad-Dwana et***, Appell Ċivili, 27 ta' Marzu, 2009). Għalhekk, filwaqt li deċiżjonijiet assurdi, kappriċċjużi u mingħajr għaqal u dehen ma jistgħux jitqiesu bħala leġittimi u għaldaqstant raġonevoli, mill-banda l-oħra jekk id-deċiżjoni tkun taqa' fil-konfini tar-raġonevolezza, allura ma jkunx parti mill-irwol tal-ġudikant li jidħol biex jinvestiga l-mertu ta' dik id-deċiżjoni;

52. F'dan ir-rigward il-Qrati Ingliżi applikaw u fissru dan il-prinċipju f'diversi forom. Hekk pereżempju, fil-każ ***Wednesbury Corporation,*** **Lord Greene** semma bħala kriterju li biex deċiżjoni tkun irraġonevoli din trid tkun, *«so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the authority».* Min-naħa tiegħu, **Lord Denning** fit-***Tameside Case*** [1977] esprima ruħu li jkun hemm irraġonevolezza fid-deċiżjoni meta din tkun, *«so wrong that no reasonable person could sensibly take that view»* u fl-aħħarnett **Lord Diplock** fil-każ ***Council of Civil Service Unions v. Minister for the Civil Service*** [1985] qal li deċiżjoni tista' titqies mhux raġonevoli meta tkun, *«so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it»* (ara ***Rita Vella v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et***, Appell Superjuri, 26 ta' Jannar, 2022);

53. Issa min-naħa tagħha, il-kumpannija attriċi tisħaq bil-ħrara li l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali li ħolqot l-Awtorità konvenuta setgħet twassal biss għal posponiment tad-data li fiha l-miżata saret dovuta. Tgħid ukoll li hija kienet ressqet it-talba tagħha quddiem l-

Awtorità biex ittemm il-liċenzja tagħha qabel ma saret dovuta din il-miżata u għalhekk l-Awtorità konvenuta ma kellha l-ebda jedd titlobha l-ħlas tagħha. Hija sseddaq din it-teżi tagħha billi tgħid li kien biss fit-3 ta' Diċembru, 2020, jiġifieri tliet xhur wara li hija talbet l-approvazzjoni tal-Awtorità konvenuta biex twaqqaf il-liċenzja tagħha, li din tal-aħħar bagħtitilha fattura biex tħallas il-miżata u b'hekk tisħaq li l-miżata ma kinitx dovuta qabel ħarġet din il-fattura. Targumenta wkoll illi kieku kien minnu li l-miżata kienet dovuta fl-anniversarju tar-reġistrazzjoni tagħha (jiġifieri fl-20 ta' Ġunju, 2020), l-Awtorità konvenuta kienet toħroġ il-fattura dakinhar u fiha tbiddel il-kundizzjonijiet tal-ħlas billi tindika li l-miżata setgħet titħallas sat-18 ta' Diċembru, 2020;

54. Madankollu, il-qorti ma tara xejn irraġonevoli jew abbużiv fid-deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorità konvenuta għaliex fil-fehma tagħha, il-mod ta' kif il-kumpannija attriċi interpretat iċ-ċirkolari tas-17 ta' Ġunju, 2020, hija waħda ferm żbaljata. Il-kliem preċiżi li ntużaw f'din iċ-ċirkolari kienu dawn:

> *«Reference is made to R1-2.3.4.4.1 of Chapter 1 of the Virtual Financial Assets Rulebook (hereinafter 'the Rulebook') which requires VFA Agents to promptly pay all amounts due to the Malta Financial Services Authority ('MFSA' or 'Authority'). Furthermore, R1-2.3.4.4.2 states that Annual Supervisory Fees shall be payable by VFA Agents upon anniversary of their Registration.*
>
> *In this regard, and cognisant of the nascent state of the VFA Sector, the MFSA has today published a revised version of Chapter 1 of the Rulebook applicable to VFA Agents.*
>
> *The amendment to the Rulebook consists of the addition of R1-2.3.4.4.3 which provides an exception to the conditions set out in R1-2.3.4.4.1 and R1-2.3.4.4.2 in such cases where Annual Supervisory Fees fall due between 1 May 2020 and 18 December 2020. In such instances, the Annual Supervisory Fees payable by VFA Agents shall be paid to the Authority by no later than Friday 18 December 2020.»*

55. Minn qari ta' din iċ-ċirkolari, il-qorti qiegħda tifhem li dawk l-Aġenti li l-miżata tagħhom kienet dovuta lill-Awtorità konvenuta bejn l-1 ta' Mejju, 2020 u t-18 ta' Diċembru, 2020,

ingħataw aktar żmien biex iħallsu din il-miżata minflok intalbu jħallsuha minnufih fil-jum li kienet dovuta. Kuntrarjament għal dak li tipprova targumenta l-kumpannija attriċi, dan il-posponiment fil-ħlas tal-miżata ma jfissirx li l-miżata ma baqgħetx dovuta fl-anniversarju tar-reġistrazzjoni tal-Aġenti mal-Awtorità. Mod ieħor, l-Aġenti fil-fatt kellhom l-għażla jew: (i) li jħallsu din il-miżata minnufih hekk kif jasal l-anniversarju tar-reġistrazzjoni tagħhom; jew inkella: (ii) li jħallsu din il-miżata f'ġurnata li tiġi wara, basta mhux aktar tard mit-18 ta' Diċembru, 2020. Dan ġie kkonfermat fix-xiehda ta' Herman Ciappara, li huwa l-Kap tad-Dipartiment tat-taqsima tal-Attiv Finanzjarju Virtwali, fi ħdan l-Awtorità konvenuta, dakinhar tal-15 ta' Ottubru, 2021, fejn huwa spjega wkoll li dan il-posponiment fil-ħlas kien qiegħed jingħata fid-dawl tal-problemi ta' xogħol li kienu qegħdin isibu l-Aġenti, fosthom il-problemi li kienu nħolqu bil-miġja tal-marda COVID-19. Terġa' u tgħid, anki l-kumitat eżekuttiv tat-taqsima tal-Aġenti ta' Attiv Finanzjarju Virtwali, fi ħdan il-Kamra Maltija tal-Kummerċ, ukoll fehem li biċ-ċirkolari li nħarġet mill-Awtorità konvenuta, il-ħlas tal-miżata kien ġie pospost imma fl-aħħar mill-aħħar il-ħlas għall-miżata baqa' dovut;

56. Għalhekk, tgħid ħażin il-kumpannija attriċi li l-miżata ma kinitx dovuta fl-20 ta' Ġunju, 2020 għaliex il-ħlas tagħha kien ġie pospost biss u mhux maħfur. Li kieku l-kumpannija attriċi tassew riedet teħles mill-obbligu li tħallas il-miżata lill-Awtorità konvenuta, hija kien imissha qabdet u talbet ir-revoka tal-liċenzja tagħha immedjatament qabel ma wasal l-anniversarju tar-reġistrazzjoni tagħha u mhux stenniet 'il fuq minn xahrejn wara dan l-anniversarju biex tagħmel dan. Skont ir-**regolament 7(b) tal-Leġislazzjoni Sussidarja 590.01**, mal-imsemmi anniversarju, il-miżata ta' sorveljanza saret dovuta. Iċ-ċirkulari tas-17 ta' Ġunju, 2020, ma tipprovdi l-ebda deroga minn dan il-ħlas, għajr li din il-miżata setgħet titħallas sa kważi sitt xhur wara l-anniversarju;

57. Huwa ċar, li l-kumpannija attriċi ma kellha l-ebda intenzjoni li ttemm il-liċenzja tagħha fl-20 ta' Ġunju, 2020 għaliex sa dakinhar kienet għadha tkebbes fiha t-tama li s-sitwazzjoni tan-negozju tagħha tmur għall-aħjar. Kemm hu hekk, fuq mistoqsija ta' din il-qorti, waqt ix-xiehda tiegħu tal-4 ta' Frar, 2022, l-avukat Alain Muscat ikkonferma li

kieku n-negozju tal-kumpannija attriċi qaleb għall-aħjar hija kienet iġġedded il-liċenzja tagħha. Dan kollu, fil-fehma ta' din il-qorti, jagħti x'jifhem li mhuwiex minnu li l-kumpannija attriċi ma fehmitx x'kienet tgħid iċ-ċirkulari tas-17 ta' Ġunju, 2020; anzi huwa evidenti li l-kumpannija attriċi ppruvat tieħu ċans biex ma tħallasx il-miżata dovuta minnha billi użat it-tattika li tilgħabha ta' Ġaħan biex ma tħallasx dwana;

58. Darba li l-miżata għas-sena 2020 kienet dovuta, dan ifisser li l-Awtorità konvenuta kienet siewja meta hija ċaħdet li tapprova l-waqfien tal-liċenzja tal-kumpannija attriċi qabel ma rċeviet il-ħlas tal-miżata mingħand il-kumpannija attriċi. Wara kollox, kif ingħad aktar 'il fuq hija kienet sempliċiment qiegħda tħares ir-regola 2.3.4.4.3 maħruġa minnha stess skont is-setgħa li tagħtiha l-liġi;

59. B'hekk f'dan il-każ ma ġiex muri li d-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta kienet tant assurda jew kapriċċjuża li l-ebda persuna raġonevoli ma kienet ser teħodha. Għalhekk mhuwiex il-każ li wieħed jitkellem dwar deċiżjoni irraġonevoli u/jew abbużiva li ħadd ma seta' jasal għaliha. Hekk stabbilit li d-diskrezzjoni tal-Awtorità konvenuta ma tikkwalifikax bħala irraġonevoli fis-sens tal-prinċipji amministrattivi fuq espressi, din il-qorti ma tistax issib li d-deċiżjonijiet tagħha huma *ultra vires* skont l-**artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12**;

60. Jifdal biss li din il-qorti tqis jekk l-għemil tal-awtorità konvenuta huwiex *ultra vires* minħabba li sar bi ksur tal-liġi, hekk kif jgħid l-**artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kap 12**. Taħt din il-kawżali l-kumpannija attriċi ma semmiet l-ebda artikolu tal-liġi li ma ġiex imħares mill-Awtorità konvenuta. Għalhekk huwa naturali li din il-qorti ma tistax issib li l-għemil tal-Awtorità konvenuta kien *ultra vires* f'dan is-sens;

61. Għalkemm fit-trattazzjoni tal-għeluq li saret bil-fomm, l-avukata tal-kumpannija attriċi ppruvat targumenta li l-Awtorità konvenuta ma kellha l-ebda setgħa mogħtija lilha mil-liġi biex tipposponi l-ħlas tal-miżati li kienu dovuti bejn l-1 ta' Mejju, 2020 u t-18 ta' Diċembru, 2020, din il-qorti jirriżultalha li l-liġi hija siekta dwar dan. Tassew, bħal kif il-

liġi ma ssemmi xejn dwar din is-setgħa tal-Awtorità konvenuta, fl-istess waqt hija lanqas iżżomm lill-istess Awtorità milli toħroġ ordni bħal din. Fuq kollox, meta l-Awtorità konvenuta ħarġet iċ-ċirkulari u r-regola li permezz tagħha provdiet għall-posponiment tal-ħlas tal-miżati, hija għamlet dan b'ħarsien tal-**artikolu 15(3)(b) tal-Kap 590 tal-Liġijiet ta' Malta**;

62. Tabilħaqq, dan is-**sub-inċiż** tal-liġi jagħti s-setgħa lill-Awtorità konvenuta li tippubblika regoli speċifiċi biex tirregola lill-Aġenti ta' Attiv Finanzjarju Virtwali li jkunu ngħataw liċenzja mill-Awtorità. Dan is-**sub-inċiż** jaqra hekk:

> *«Għall-aħjar twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista' minn żmien għal żmien, toħroġ u tippubblika regoli li jkunu vinkolanti fuq detenturi ta' liċenzja u oħrajn kif jista' jkun speċifikat f'dawk ir-regoli. Tali regoli jistgħu jistabbilixxu ħtiġiet, kondizzjonijiet u, jew eżenzjonijiet addizzjonali fir-rigward ta' attivitajiet ta' detenturi ta' liċenzja u kull ħaġa oħra kif l-awtorità kompetenti jidhrilha xieraq:*
>
> *Iżda regoli differenti jistgħu jinħarġu mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' klassijiet jew kategoriji differenti ta' applikazzjonijiet.»*

63. Terġa' u tgħid, il-kumpannija attriċi qajla tista' tilmenta mill-fatt li l-Awtorità konvenuta pposponiet il-ħlas tal-miżata. Wara kollox, il-fatt li hija ngħatat aktar żmien biex tħallas il-miżata fi żmien meta n-negozju tagħha kien x'aktarx skars, seta' kien biss ta' gwadann għaliha u żgur mhux ta' xkiel. B'hekk, il-kumpannija attriċi mhijiex siewja meta tgħid li l-Awtorità konvenuta ma setgħetx toħroġ regola bħal din;

64. Hekk stabbilit li d-deċiżjonijiet tal-kumpannija attriċi ma kinux *ultra vires* fil-kuntest tal-**artikolu 469A(1)(b)(i), (ii), (iii)** u **(iv)**, allura dan ifisser li l-azzjoni attriċi tfalli minn kull angolu. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti qiegħda tilqa' t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-Awtorità konvenuta, filwaqt li qiegħda tiċħad it-talbiet kollha tal-kumpannija attriċi;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għaliex mhux minnu li d-deċiżjonijiet tagħha, li dwarhom qiegħed jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju, huma atti li saru bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna; u

ii. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għaliex m'hemm xejn invalidu u null fid-deċiżjonijiet li hija ħadet, u b'hekk, għall-istess raġuni, **<u>tiċħad</u>** it-talbiet kollha ta' MMC Consultancy Limited.

Fl-aħħar nett, il-qorti qiegħda **<u>tordna</u>** li l-ispejjeż tal-kawża fuq il-kejl tar-rebħ u tat-telf għandhom jitħallsu hekk: (i) sehem ta' erbgħa minn ħamsa (4/5) mill-kumpannija MMC Consultancy Limited għaliex l-erba' talbiet tagħha ġew miċħuda; u (ii) sehem ta' wieħed minn ħamsa (1/5) mill-Awtorità konvenuta għax waħda mill-eċċezzjonijiet tagħha kienet ħażina.

_________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

_________________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**